

**Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — L-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-ħarsien f'diversi livelli tal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fl-UE**

(2015/C 140/07)

<b>Relatur:</b>	is-Sur Van den Brande (BE/PPE) President tal-Uffiċċju ta' Kooperazzjoni Fjamminga-Ewropea
<b>Dokument ta' referenza:</b>	Qafas ġdid tal-UE biex jissaħħaħ l-istat tad-dritt COM(2014) 158 final

**I. RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

***Il-prinċipji tal-istat tad-dritt, il-governanza f'diversi livelli u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea***

1. huwa tal-fehma li d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt huma t-tliet pilastri fundamentali li fuqhom għandu jistrieħ kull ordni ġuridiku ta' kwalunkwe tip u forma. Id-demokrazija hija "dritt kollettiv", id-drittijiet tal-bniedem huma drittijiet individwali inaljenabbli li għandhom ikunu garantiti taħt kull ċirkostanza, anke meta d-demokrazija fis-seħħ ma tkunx sħiħa jew perfetta. Il-prinċipji tal-istat tad-dritt u l-prattiki li jirriżultaw huma essenzjali għad-demokrazija u l-garanzija tad-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk jilqa' b'sodisfazzjon kbir il-proposta tal-Kummissjoni li jitwaqqaf qafas li jhars l-istat tad-dritt fl-UE. Dan huwa essenzjali bħala bażi tal-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri kif ukoll bejniethom u ċ-ċittadini tal-UE għall-integrazzjoni Ewropea. Qafas komuni ta' dan it-tip huwa ta' ġid mhux biss għall-Istati Membri iżda wkoll għall-awtoritajiet lokali u reġjonali, peress li fil-prattika dawn tal-aħħar iġorru l-piż tal-implimentazzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali;

2. jirrimarka li d-drittijiet tal-bniedem, bħala drittijiet fundamentali marbuta mar-rispett għad-dinjità tal-persuna, jiġu qabel kull entità istituzzjonali u, essenzjalment, jieħdu prijorità fuqhom;

3. jinnota li għad li m'hemm l-ebda definizzjoni unika tal-istat tad-dritt, hemm tradizzjoni legali Ewropea dwar dan il-kunċett ċentrali li jistrieħ fuq tliet prinċipji bażiċi: (1) l-obbligi legali ta' kull ċittadin u l-applikazzjoni tagħhom għandhom jiġu appoġġjati mil-liġi u ma jistgħux jiddependu minn deċiżjoni arbitrarja jew unilaterali tal-awtorità eżekuttiva jew kwalunkwe setgħa diskrezzjonali oħra – (2) it-tilwim bejn iċ-ċittadini u s-setgħa eżekuttiva għandhom jiġu riżolti mil-liġi ordinarja permezz ta' setgħa ġudizzjarja newtrali u indipendenti – (3) id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini (il-libertà personali, ta' opinjoni, ta' assoċjazzjoni...) għandhom jiġu rispettati u definiti b'mod ċar filwaqt li jissejsu fuq bażi leġislattiva ċara u ma jkunux dipendenti minn kunċett, dikjarazzjoni jew garanzija kostituzzjonali m'cajpra jew interpretazzjonijiet arbitrarji. Dawn il-prinċipji għandhom żewġ kampi ta' applikazzjoni: minn naħa l-gvernijiet iridu jaqdu l-kompetenzi tagħhom b'konformità ma' liġijiet u regoli pubbliċi u miktubin b'lingwaġġ ċar, abbażi ta' prinċipji legali b'bażi soda li jiġu eżekwiti b'mod ġust u miftuħ, u min-naħa l-oħra l-gvernijiet iridu jikkonformaw mal-Kostituzzjoni tagħhom u l-istess liġi li tirregolahom;

4. jemmen li l-prinċipju importanti tas-sussidjarjetà (Artikolu 5(3) tat-TUE) għandu jservi wkoll bħala bażi u linja gwida fit-tfassil tal-approċċ tal-governanza f'diversi livelli għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali;

5. jirrimarka li l-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li huma l-iktar qafas avvanzat f'dan il-qasam, minn meta ġew adottati ilhom iservu bħala l-baży vinkolanti għall-Unjoni stess, l-Istati Membri kollha u kull livell ta' gvern ibbażat fuq il-prinċipji tal-istat tad-dritt u l-infurzar tiegħu;

6. jinnota li l-kunċett tal-governanza f'diversi livelli kif għe żviluppat mill-UE iżda anke b'mod usa' mill-Kunsill tal-Ewropa, huwa ispirat mill-fatt li saret evoluzzjoni neċessarja u li għadha għaddejja f'termini ta' "governanza" fl-UE, minn mudell "minn fuq għal isfel" lejn mudell iktar inklużiv, fejn iridu jitlaqqgħu ż-żewġ dimensjonijiet tas-sussidjarjetà: dik "vertikali" fejn il-parteċipazzjoni, ir-responsabbiltà konġunta u s-sħubija tar-rappreżentanti eletti fil-livell reġjonali u lokali huma msaħħa, u d-dimensjoni "orizzontali" fejn ir-responsabbiltà konġunta tingħata u tittieħed mill-atturi l-oħra (soċjoekonomiċi, edukattivi, tas-saħħa u kulturali) fis-soċjetà u dan fl-oqsma kollha ta' politika. Il-governanza f'diversi livelli tirreferi kemm għal diversi atturi kif ukoll għal diversi livelli. Il-politika ta' kuljum tar-reġjuni u l-awtoritajiet lokali hija influwenzata minn avvenimenti, azzjonijiet u influwenzi fil-livell nazzjonali u Ewropew li f'ħafna oqsma jiddeċiedu l-ambitu tal-azzjoni minn dak li jiġri fil-kontinent kollu kemm hu u, fl-aħħar mill-aħħar, mid-dinja globali. L-istat tad-dritt jopera wkoll f'livelli differenti fl-Unjoni Ewropea u għaldaqstant irid jiġi mħares fl-interazzjoni bejn il-livelli differenti. Politika ta' opportunitajiet indaqs u fl-aħħar mill-aħħar ta' integrazzjoni soċjali tqis ir-realtà konkreta tal-globalizzazzjoni u dan jinkludi l-isfidi tal-opportunitajiet għall-impjeg u aċċess għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali. Kull sistema nazzjonali għandha l-istorja tagħha u l-mudell tagħha, iżda mixjin lejn it-twaqqif ta' normi transnazzjonali u fl-aħħar mill-aħħar ser jirriżulta spazju Ewropew għad-drittijiet fundamentali, bl-inklużjoni tad-drittijiet soċjali, appoġġjat fuq diversi livelli u interkonnessjonijiet orizzontali;

7. jidhirlu li l-governanza f'diversi livelli tagħmilha possibbli li tiġi indirizzata theddida possibbli għall-istat tad-dritt f'sitwazzjoni konkreta u tikkompensa għal għadd ta' nuqqasijiet: nuqqas ta' informazzjoni, kapaċità, fondi, possibbiltajiet amministrattivi u impatt politiku billi jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u reġjonali fis-sorveljanza u l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fl-UE. Dan bl-istess mod iwassal għal demokrazija iktar parteċipattiva, iktar trasparenza u responsabbiltà u barra minn hekk iċ-ċittadini jingħataw pożizzjoni iktar ċentrali. Il-ħarsien tal-istat tad-dritt għalhekk huwa mezz biex l-Ewropa toqrob lejhom u viċversa bil-għan, imfisser fil-White Paper dwar il-Governanza f'Diversi Livelli, li jkun hemm "azzjoni kkoordinata tal-Unjoni, l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali, ibbażata fuq is-sħubija u li għandha l-għan li tħejji u timplimenta l-politiki tal-Unjoni Ewropea";

8. jinnota li abbażi tal-White Paper dwar il-Governanza f'Diversi Livelli, il-kunċett kompli jżviluppa gradwalment, kif jidher mill-Opinjoni ta' segwitu li adotta l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni fl-2012, kif ukoll mill-workshops li twaqqfu, it-tabella li għet emendata u f'it ilu l-pubblikazzjoni tal-Karta dwar il-Governanza f'Diversi Livelli. Apparti l-fatt li l-kunċett qed jidher dejjem iktar f'diversi oqsma ta' politika u qed jiġi applikat minn diversi msieħba, insibu riżultat preliminari fir-Regoli Ġenerali u l-Kodiċi ta' Kondotta sussegwenti dwar il-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investment;

9. jinnota li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tenfasizza b'mod ċar li l-istat tad-dritt huwa s-sinsla ta' kull demokrazija moderna u wieħed mill-prinċipji fundamentali li jinbtu mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni tal-Istati Membri kollha tal-UE u b'hekk huwa wieħed mill-iktar valuri importanti li fuqhom hija bbażata l-Unjoni bħala żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (Artikolu 2 tat-TUE u l-Preambolu tat-Trattat u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropa). Il-qafas ġdid propost huwa intiż biex ineħħi t-theddid futur għall-istat tad-dritt qabel ma jidħlu fis-seħħ u jintlaħqu l-kundizzjonijiet għall-attivazzjoni tal-mekkaniżmi msemmija fl-Artikolu 7 tat-TUE, iżda bl-ebda mod ma jaffettwa l-proċeduri ta' ksur eżistenti b'konsegwenza tal-Artikolu 258 tat-TFUE;

10. jinnota li l-qafas leġislattiv il-ġdid jintroduċi approċċ orizzontali transkonfinali li jista' jaffettwa l-qafas ta' valuri komuni tal-UE bl-azzjonijiet tal-atturi tal-Istat u fejn il-proċeduri ta' ksur attwali mhux dejjem joffru soluzzjoni. It-tisħiħ tal-istat tad-dritt bħala valur komuni essenzjali tal-UE għalhekk huwa neċessarju biex jinkisbu l-għanijiet tal-protezzjoni tal-valuri fundamentali fejn il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali hija element kruċjali;

11. jidhirlu li l-qafas il-ġdid, li jħaddan proċedura fi tliet fażijiet, għandu jindirizza lakuna u joħloq il-possibbiltajiet għall-istituzzjonijiet tal-UE sabiex jivvalutaw l-istat tad-dritt, u eventwalment jirreaġixxu meta Stat Membru jkun f'riskju li joħloq theddida sistematika għall-istat tad-dritt minħabba l-azzjoni tiegħu. Għal din ir-raġuni, il-mekkaniżmu l-ġdid jipprevedi tliet stadji: (1) il-valutazzjoni oġġettiva u bir-reqqa tas-sitwazzjoni fl-Istat Membru kkonċernat – (2) rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet immedjati u konkreti sabiex jiġi evitat it-theddid għall-istat tad-dritt – (3) monitoraġġ tal-miżuri li jkun ħa l-Istat Membru kkonċernat b'reazzjoni għar-rakkomandazzjoni li tkun saritlu. F'din il-proċedura li hija bbażata fuq id-djalogu mal-Istat Membru kkonċernat, huwa importanti ħafna li l-livelli differenti ta' governanza jiġu involuti kemm jista' jkun kmieni, inklużi l-livelli lokali u reġjonali, kif ukoll is-soċjetà ċivili;

**It-tisħiħ tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali: governanza f'diversi livelli mġedda u innovattiva – qafas għall-UE**

12. jirrimarka li l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma l-ewwel li jiġu konfrontati direttament mill-isfidi u l-problemi li jista' jkollhom effett fuq il-proċeduri tal-istat tad-dritt u b'hekk kemm ċerti drittijiet fundamentali jistgħu jiġu infurzati minħabba sitwazzjonijiet li jinqalgħu ta' kuljum f'diversi oqsma fosthom problemi ekonomiċi, il-qgħad, l-ambjent, it-tibdil fil-klima. Ir-rwol speċjali li jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali jinsab fil-kompetenzi li għandhom, li jippermettulhom jidentifikaw theddid sistemiku potenzjali għall-istat tad-dritt minn stadju bikri u anke l-isforz li jagħmlu biex jiksibu r-riżultati, ħaġa li l-politika Ewropea dejjem trid tissalvagwardja. Dan jgħodd aktar f'dinja globali fejn il-migrazzjoni u l-mobbiltà rriżultaw f'relazzjonijiet interkulturali u soċjetà pluralistika b'diversi valuri u twemmin li jinhasu l-iktar fil-komunitajiet lokali. Ir-riżultati dwar il-ħarsien tal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali jistgħu jinkisbu biss meta l-livelli kollha ta' politika jaħdmu flimkien, ikunu kollegati b'mod adegwat u jagħtu sehemhom, abbażi tal-kompetenzi u r-responsabbiltajiet ta' kull wieħed minnhom u jekk jikkoordinaw id-diversi kontributi tagħhom.. F'ħafna oqsma qed jiġi rikonoxxut dejjem iktar li l-politika bbażata fuq l-evidenza (evidence based) u l-politika skont il-post (place based) huma meħtieġa biex jinkisbu riżultati aħjar. Dan jgħodd mingħajr ebda dubju għall-ħarsien tad-drittijiet fundamentali. It-tisħiħ ta' dawn id-drittijiet għandu impatt pożittiv fuq l-iżvilupp soċjali u ekonomiku. Id-deċiżjonijiet li jittieħdu fl-eqreb livell taċ-ċittadini jsaħħu l-fiduċja fosthom u fis-soċjetà fejn jgħixu;

13. jirrimarka li fi ftit snin id-diskors fl-UE dwar id-drittijiet fundamentali u t-tisħiħ tal-istat tad-dritt qed jiġi rifless fil-mudell tal-governanza f'diversi livelli. Barra minn dan, il-prinċipji operattivi kif imsemmija fl-Opinjoni ta' segwitu tagħna tal-2012, it-tabella dettaljata u ċertament il-Karta dwar il-Governanza f'Diversi Livelli, huma strumenti kruċjali biex din il-viżjoni tissarraf f'termini prattiċi;

14. jinnota li l-valuri fundamentali li tirrappreżenta l-"Ewropa" (li ma tfissirx biss l-UE u l-Kunsill tal-Ewropa iżda anke t-tradizzjonijiet nazzjonali prinċipali), mhumiex relatati biss mal-ordni ġuridiku demokratiku iżda anke mal-politika li tiġi implimentata biex il-valuri jingħataw opportunitajiet ġenwini biex jitwettqu. Meta dan l-aspett jitqies kompletament, il-pożizzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali tintwera f'dawl totalment differenti. Minflok li jkun biss entitajiet li jimplimentaw il-legalizzazzjoni u l-miżuri ta' politika nazzjonali (u Ewropej) (l-approċċ minn fuq għal isfel), huma jkun atturi sħaħ bir-responsabbiltà politika biex, fi ħdan oqfsa stabbiliti u skont is-sitwazzjoni lokali, ifasslu politika integrata. Dan ma jikkonċernax biss id-drittijiet taċ-ċittadini u dawk politiċi iżda anki d-drittijiet ekonomiċi u soċjali (l-edukazzjoni, ix-xogħol, is-saħħa, il-benesseri, l-abitazzjoni);

15. jirrimarka li l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma l-ewwel awtoritajiet li jiffaċċjaw l-ostakli relatati mad-drittijiet fundamentali tal-politika nazzjonali. Huma jkollhom jiffaċċjaw il-persuni individwali, il-gruppi jew 'kategoriji' li jintlaqtu l-ewwel mill-ksur tal-istat tad-dritt jew mir-restrizzjonijiet tad-drittijiet fundamentali. Punt ta' interess partikolari hawnhekk hu l-garanzija tad-drittijiet fundamentali universali għall-abitanti kollha, irrispettivament mid-drittijiet u d-dispożizzjonijiet li jgħoddu speċifikament għaċ-ċittadini tal-UE;

16. jemmen li d-drittijiet fundamentali, bħall-opportunitajiet indaqs għall-impjeg u l-emanċipazzjoni soċjali, għandhom jiġu promossi b'mod sistematiku permezz ta' miżuri ta' appoġġ adegwati. F'dan id-dawl l-awtoritajiet lokali u reġjonali, flimkien mal-livelli ta' gvern nazzjonali u Ewropej u s-soċjetà, huma msieħba sħaħ f'approċċ strateġiku għat-tweqqif ta' stat tad-dritt soċjali;

17. jikkunsidra li l-preokkupazzjoni dwar il-ksur potenzjali tad-drittijiet fundamentali għandha tiġi estiża biex tinkludi rieda politika sistematika biex l-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea u fl-Istati Membri tagħha jiżviluppa f'termini pożittivi wkoll. Dan jispjega l-bidla minn kunċett tal-istat tad-dritt li joffri biss ħarsien legali tad-drittijiet għal kunċett dinamiku fejn id-drittijiet fundamentali jiksibu wkoll aspett soċjali permezz ta' miżuri ta' politika. Dan l-aspett ma joħroġx biżżejjed fid-dieher mill-KE, li żżomm (eċċessivament) lura fir-rigward ta' 'affarijiet interni' tal-Istati Membri u li fil-qafas ta' politika ġdida tagħha prinċipalment tixtieq tiżviluppa alternattiva aktar flessibbli fir-rigward ta' proċeduri ġenwini sabiex tkun tista' ssir attiva aktar kmieni. B'hekk il-governanza f'diversi livelli, li bil-mod il-mod qed tiġi aċċettata iktar, tista' tkun approċċ utli. Il-Komunikazzjoni tal-KE tiftaħ il-perspettiva għal approċċ proattiv permezz ta' referenza għall-Kummissjoni ta' Venezja, iżda biex dan l-approċċ ikun jista' jħalli effett għandhom jiġu involuti l-livelli differenti ta' gvern u s-soċjetà ċivili tal-pajjiż ikkonċernat;

18. jinnota li l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma l-imsieħba kruċjali tal-gvernijiet nazzjonali u Ewropej biex flimkien mas-soċjetà mhux biss jipproteġu l-istat tad-dritt modern iżda anke biex jiffurmawh b'mod attiv u strateġiku permezz ta' inizjattivi ta' politika. Dan huwa l-kompitu ewlieni ta' kull livell ta' governanza. L-atturi li jonqsu milli jagħmlu dan b'mod sistematiku qed imorru kontra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u jqiegħdu lilhom innifishom barra mill-evoluzzjoni Ewropea;

19. għandu jiġi rispettatt ir-rwol kruċjali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-garanzija tad-drittijiet fundamentali biex dawn jiġu żviluppatti b'mod iktar effiċjenti, iżda, dejjem fir-rispett tad-drawwiet u l-Kostituzzjoni ta' referenza;

20. jidhirlu li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandu jkollhom il-possibbiltà li jirrikorru direttament għand il-Kummissjoni Ewropea meta josservaw li l-istat tad-dritt ikun qed jiġi mhedded b'xi mod. Il-Kummissjoni Ewropea għandha toħloq strutturi adatti għal dan il-għan;

21. Il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali mhijiex biss kwistjoni tal-Kummissjoni Ewropea; il-Parlament Ewropew għandu jikkontribwixxi b'mod attiv ukoll. F'każjiet ta' theddid imminenti għall-istat tad-dritt għandha tiġi provduta t-trasparenza parlamentari meħtieġa fil-livell tal-UE bl-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex is-sitwazzjoni tkun tista' tiġi analizzata;

22. jinnota, madankollu, li fil-livell reġjonali u lokali tista' ssir distinzjoni bejn id-dimensjoni vertikali u dik orizzontali. Dan jirreferi għall-interazzjoni bejn l-inizjattivi tas-settur pubbliku u dak privat, pereżempju fl-iżvilupp soċjoekonomiku u fid-dispożizzjonijiet dwar l-edukazzjoni, is-saħħa u l-kura;

23. L-awtoritajiet lokali u reġjonali – speċjalment dawk b'kompetenzi legiſlattivi – huma responsabbli direttament biex jappoġġjaw għadd ta' drittijiet fundamentali u għalhekk stabbilixxew linji ta' politika ġenerali. Dan jikkonċerna wkoll drittijiet ċivili speċifiċi konkreti għall-garanzija tal-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-għaqdiet u l-azzjoni, il-parteċipazzjoni felezzjonijiet ħielsa u ġusti u b'mod iktar ġenerali l-għieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni fil-komunità lokali jew reġjonali tagħhom. L-awtoritajiet lokali u reġjonali mhumiex biss interfaċċja f'każ ta' ksur ċar tad-drittijiet fundamentali iżda għandhom ifasslu huma stess linji gwida ċari u jikkontribwixxu għat-twettiq ta' dawn id-drittijiet;

24. L-approċċ tradizzjonali tal-UE jqis li r-reġjuni, il-bliet u l-lokalitajiet tagħna huma magħmulin minn ċittadini tal-UE u l-politika tan-nondiskriminazzjoni tiffoka fuq id-drittijiet taċ-ċittadini minn Stati Membri oħra. Iżda naturalment ir-realtà soċjoloġika, b'mod partikolari fil-bliet il-kbar, hija ħafna iktar kumplessa. L-integrazzjoni soċjali tista' tinkiseb biss permezz ta' diversi forum ta' demokrazija rappreżentattiva u parteċipattiva bħala pjattaforma għal koeżistenza kondiviża, li tħares ukoll il-wirt storiku u kulturali lokali. Għalhekk jekk irridu ninvolvu lill-abitanti kollha u rridu nwessgħu d-definizzjoni ta' 'ċittadinanza' (ara l-White Paper tal-Kunsill tal-Ewropa dwar id-Djalogu Interkulturali (2008): "Tċ-ċittadinanza fl-usa' sens hija dritt u tabilħaqq responsabbiltà li wieħed jieħu sehem fil-ħajja kulturali, soċjali u ekonomika u fl-affarijiet pubbliċi tal-komunità flimkien ma' oħrajn". Il-Professur A. Papisca tkellem fuq l-istess linji dwar in-'nova civitas');

25. Il-Qafas Strateġiku tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali propost mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) joffri qafas għall-appoġġ tar-rabta msemmija hawn fuq bejn id-dimensjoni orizzontali u dik vertikali biex tinkiseb parteċipazzjoni, kooperazzjoni u koordinazzjoni deċiżiva. F'dan ir-rigward, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għandha tkun f'pożizzjoni li teżamina r-rispett tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet fundamentali fl-Istati Membri tal-UE u, jekk ikun hemm b'żonn, toħroġ twissija;

26. jemmen li kemm il-FRA kif ukoll il-Kunsill tal-Ewropa għandhom jagħtu prova ta' applikazzjoni tal-għarfien, b'mod partikolari lill-awtoritajiet lokali u reġjonali;

27. jaħseb li l-kunċett tal-governanza f'diversi livelli għandu jservi b'mod ċar bħala l-prinċipju għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali;

**Proposti konkreti oħra**

28. jidhirlu li l-awtoritajiet reġjonali u/jew lokali għandhom jitħeġġu:
- jintegraw u jħarsu d-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt fl-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;
  - iwasslu l-importanza tiegħu fid-dibattitu pubbliku u jżidu s-sensibbiltà;
  - isaħħu l-bini tal-kapaċità tal-atturi kollha permezz ta' taħriġ u appoġġ;
  - jistabbilixxu punti ta' informazzjoni b'aċċess dirett għaċ-ċittadini;
  - iwaqqfu sistema ta' twissija bil-kooperazzjoni potenzjali tal-ombudsman reġjonali jew lokali;
  - abbażi ta' dan il-monitoraġġ jgħaddu l-informazzjoni lill-awtoritajiet l-oħra;
  - isegwu l-esperiment tal-'briet intelliġenti';
29. jista' jeżamina jekk il-proposti li ġejjin jikkontribwixxux għall-ħarsien tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea:
- it-twaqqif ta' task force biex jiżviluppa metodu ta' koordinazzjoni miftuħa;
  - il-ħolqien ta' punt ta' notifika għall-intenzjonijiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;
  - jipprevedi kampanja ta' sensibilizzazzjoni Ewropea għall-awtoritajiet lokali u reġjonali dwar il-ħarsien tal-istat tad-dritt;
  - jorganizza konferenza dwar il-governanza f'diversi livelli fil-ħarsien tad-drittijiet fundamentali u l-promozzjoni tal-implimentazzjoni tal-Karta bil-għan li jitfassal Patt għal Governanza f'Diversi Livelli bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali;
  - jikkonkludi ftehim tripartitiku mal-Kunġress tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali abbażi tal-Qafas Strateġiku propost tal-UE dwar id-drittijiet fundamentali.

Brussell, 12 ta' Frar 2015

*Il-President  
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

Markku MARKKULA

---